MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 46/2007

Kawza fil-lista: 35

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi fl-10 ta’ Novembru 1995, il-kontendenti ikkontrattaw zwieg bejniethom fil-knisja ta’ Sant’ Antnin Paola, kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-Zwieg (Dok. A).

2. Illi ghalkemm jidher li l-istess zwieg kien validu, effettivament l-istess ma kienx.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi oltre l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b’ eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

5. Illi l-esponent ghandu interess li z-zwieg iccelebrat bejnu u bejn il-konvenuta jigi dikjarat null ghall-effetti kollha tal-ligi u ghalhekk qed isir dan ir-rikors.

6. Illi l-esponent jaf b’ dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha:

Tiddikjara li z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Rat li l-konvenuta debitament ingunta ghazlet li tibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati; u r-rapport mahluf tal-Psikologa Mariella Blackman;

Semghet lill-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fl-10 ta’ Novembru 1995 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta, ghalkemm ma prezentatx

risposta guramentata, jidher mix-xhieda taghha li hija taqbel mat-talba ta’ l-attur.

**Kwadru tal-fatti**

Mill-provi jirrizulta li l-attur, cittadin ingliz, izzewweg lill-konvenuta, cittadina maltija, fl-10 ta’ Novembru 1995 wara li kienu ilhom johrogu flimkien ghal xi snin. Wara konvivenza matrimonjali ta’ kwazi tlett snin, fit-12 ta’ Frar 1998, il-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jirrizulta li l-attur, li kellu trobbija difficli hafna kif dettaljatament spjegat minnu fl-affidavit, huwa bniedem suspettuz, u wkoll kien jghir b’ mod esagerat ghall-konvenuta li konsegwenzjalment kienet kostretta minnu li taghti rendi kont ta’ kull ma’ kienet taghmel, u xorta kien jibqa’ jissuspetta hazin fiha, sahansitra kien akkuzaha li kellha hbiberija zejda ma’ wiehed minn hutha li kienet tahdem mieghu.

Fl-affidavit tieghu huwa jghid, inter alia, li “I was very touchy about comments, and I would read further into them, and brood upon anything they [il-familja tal-konvenuta] said.  I would suffer from mood swings. On one particular incident I even accused C of having a relationship with her brother. I admit that this was an extremely nasty, and unfounded accusation, but at the time I was seeing conspiracy theories everywhere, and I felt very insecure about my sexual performance. I would lash out at any comment.”

Illi l-konvenuta tispjega li dan l-atteggjament kien aggrava hafna wara li zzewgu, sa tal-grad li wara sitt xhur ta’ zwieg il-konvivenza matrimonjali ta’ bejniethom kienet bdiet tiddegenera u wara sena u nofs ta’ zwieg huma bdew jghixu separatament minn xulxin ghalkemm taht l-istess saqaf, u dan sakemm gie ffirmat il-kuntratt ta’ separazzjoni personali. L-attur minn naha tieghu jikkonferma din il-versjoni.

Illi fir-rapport taghha l-Psikologa Mariella Blackman tikkonkludi li “fil-mument taz-zwieg tieghu A kien ghadu

ma lahaqx il-maturita’ psikologika rikjesta minnu biex jibni relazzjoni tajba taz-zwieg. Apparti l-fatt li hu ma kienx ra ezempju tajjeb taz-zwieg mill-genituri tieghu, il-fatt li A B juri li l-karattru tieghu ghandu diversi disordni fil-personalitajiet, kombinati mal-fatt li l-iscore tad-depressjoni hija gholja aktar minn normal, jaghtu dawl fuq dan [a] li qabel iz-zwieg tieghu A ma kienx kapaci jassumi d-dmirijiet tieghu taz-zwieg, u [b] d-decizjoni tieghu giet affettwata minn fakluta’ voluttiva tieghu.”

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-provi jirrizulta manifest li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu l-attur kien affett minn difett serju fuq l-import tal-hajja matrimonjali, u kien ukoll affett minn anomalija psikologika li kienet ghamlet impossibbli l-konvivenza matrimonjali bejn il-partijiet, u dan minhabba l-ghira patologika u akuta da parti tieghu. Dan hu evidenzjat mill-fatt li wara circa sena u nofs mid-data taz-zwieg, il-konvenuta gustament ma felhitx tkompli tghix fil-hajja konjugali ma’ l-attur u wara circa tlett snin, huma ffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gusta fil-fatt u fid-dritt ai termini tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-kap.255 liema caput nullitatis huwa mputabbli lill-attur.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-10 ta’ Novembru 1995. L-ispejjez ikunu a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------